**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**
**(Spettur Daryl Farr)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Aidan Chircop**

**Kumpilazzjoni Numru: 1791/2025**

**Illum, hamsa (5) ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Aidan Chircop detentur tal-karta tal-identità 289794M** akkuzat talli fid-disgha (9) ta' Frar elfejn u hamsa u ghoxrin (2025), bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00Hrs) u s-sitta ta' wara nofsinhar

(18:00Hrs) minn gewwa 'Greens Supermarket', Tal-Ibragg Road, Swieqi, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. **Ikkommetta serq ta' 'Lotus Deception Cigar Gold Cutter' u 'Xikar Cigar Scrible Lighter Dunmetal' u/jew xi affarijiet ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin stante li sar wara nzul ix-xemx u dan sar ghad-detriment ta' Greens Supermarket u/jew ta' xi persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;**
   **Artikolu 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. **Naqas milli ihares il-kundizzjonijiet impost fuqha mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D., fid-digriet moghti nhar it-8 t'Awwissu 2019, li bih tat il-helsien mill-arrest that garanzija;**

3. **Naqas milli ihares il-kundizzjonijiet impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati, mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. fid-digriet moghti nhar il-5 ta' Novembru 2020, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija;**

4. **Talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49 u tal-artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza/sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza/sentenzi saret/saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Aidan Cauchi u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess Aidan Chircop, u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex id-depozitu u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat fl-intier tieghu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita tar-reat.**

**Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**F'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, il-Qorti giet gentilment mitluba tapplika kull artikolu li jassigura l-kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittma in relazzjoni tal-offizi relevanti.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat moghtija fl-ewwel seduta datata tlettax (13) ta' Frar 2025 liema ammissjoni giet sussegwentement ikkonfermata wara r-rapport tal-Probation Officer;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Frar 2025 gie mitlub mid-difiza li jithejja Pre-Sentencing Report minn Ufficjal tal-Probation li dan gie ipprezentat fis-seduta tal-erbatax (14) ta' April 2025 minn Glen Grixti fejn inghad is-segwenti (Dok. GG1):

*"**Konkluzjonijiet***

***Fatturi Identifikati***

- *Aidan Chirchop qed jigi akkuzat li nhar id-09 ta' Frar 2025 ikkommetta serq ta' Lotus Deception Cigar Gold Cutter u Xikar Cigar Scrible Lighter ghad-dannu ta' Greens Supermarket. Huwa jinsab akkuzat li naqas milli josserva kundizzjonijiet impost fuqu mill-Imhallef Dr. Edwina Grima u mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello. Aidan Chirchop qed jigi akkuzat ukoll li rrenda ruhu recidiv.*

- *Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, Aidan attenda ghall-appuntamenti kollha provduta lilu.*

- *Meta mistoqsi dwar dan il-kaz odjern, Aidan qal li kien qed jaghmel ix-xirja mal-familja tieghu mill-Greens Supermarket u waqt din ix-xirja qal li ra oggett li hasibha biro u ghamilha fil-but. Aidan qal li meta mar jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija sab nota li riedu jkellmuh il-pulizija u kien infurmat li kien ser jinzamm arrestat fuq kaz ta' serq. Aidan hallas l-ammont misruq u skuza ruhu mal-istaff tal-Greens supermarket. Aidan qal li saritlu tfittxija fir-residenza fejn qed jghix mill-pulizija u wara tressaq il-Qorti.*

- *Harsa lejn il-Fedina Penali jirrizulta li fil-passat Aidan instab hati ta' xi reati fosthom skonta piena karcerarja dwar traffikar tad-droga. Aidan ghandu zewg kazijiet ta' serq pendent ghajr dan il-kaz odjern.*

- *Ir-rekords tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole juru li l-ewwel kuntatt ta' Aidan mal-istess Ufficcju jmur lura ghall-2014. L-ufficcju sottoskritt beda jsegwi lill-ikkoncernat fl-2020 u dak iz-zmien huwa kien qed jghix hajja kaotika peress li kien qed jabbuza mid-droga. Matul is-snin Aidan anke ghamel xi perjodu l-habs. Sussegwentement Aidan beda jsegwi l-programm residenzjali tal-Caritas u ghalkemm dan ma kienx kompletat b'success, fl-ahhar xhur Aidan ghex hajja produttiva u stabbli u zamm 'il boghod mill-abbuz tas-sustanzi illeciti.*

- *Hekk kif telaq mill-program, ta' rijabilitazzjoni, Aidan zamm kuntatt mal-Caritas ghalkemm dan il-kuntatt ma kienx wiehed regolari.*

- *Aidan Chirchop ghadda minn certu diffikultajiet fi tfulitu peress li missieru kien jabbuza mill-*

*alkohol u ta' spiss kien josserva kunflitti bejn il-genituri tieghu. Finalment dawn kienu sseparaw. Aidan ghandu kuntatt regolari ma' ommu li hija wkoll responsabbli mit-trobbija ta' ibnu l-kbir. L-ikkoncernat ghadu f'kuntatt ma' missieru, b'dan tal-ahhar qed jghix f'Home minhabba bosta diffikultajiet li ghandu f'sahhtu. Fil-prezent Aidan ghandu relazzjoni tajba ma' hutu li izda ma kienux ikellmuh meta kien qed jabbuza mis-sustanzi illeciti.*

- *Aidan ghandu tliet ulied minn relazzjoni li kellu ma' Sonia Mahouachi. Din ir-relazzjoni ntemmet snin ilu u Aidan m'ghandux kuntatt maghha. Aidan ghandu access ta' siegha fil-gimgha ma' ibnu l-kbir izda m'ghandux kuntatt maz-zewg ulied l-ohra. Madwar sentejn ilu Aidan esprima x-xewqa mal-Appogg biex ikollu xi forma ta' access maghhom.*

- *Minn kuntatt li sar mal-Appogg jirrizulta li fil-prezent qed issir certu terapija maz-zewg itfal iz-zghar ta' Aidan bil-ghan li fil-futur Aidan ikollu access ma' dawn iz-zewgt ulied. Dan l-access jiddependi mix-xewqat tat-tfal.*

- *Fil-prezent Aidan jinsab f'relazzjoni u qed jirresjedi mat-tfajla u wliedha. Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport saret zjara f'din ir-residenza u saret intervista mat-tfajla li qed tkun sors ta' sapport ghall-imputat.*

- *Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, Aidan issottometta tliet kampjuni tal-urina fi hdan l-Ufficcju tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole. Dawn il-kampjuni rrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti tal-eroina, kokaina, kannabis, amfetamina u metamfetamina.*

- *Fil-passat Aidan kellu kuntatt mal-OASI u r-rekords juru li l-ahhar sessjonijiet li l-imsemmi attenda jmorru lura ghal Settembru 2021. Aidan kellu bosta admissions fl-isptar Monte Carmeli. Ma jirrizultax li Aidan qatt uza s-servizzi tas-Sedqa u d-Detox.*

- *Aidan jinsab ingaggat f'impjieg full time u regolarizzat. Huwa ilu f'dan l-impjieg sa minn Marzu 2024. Dan huwa l-itwal perjodu li l-ikkoncernat qatt ghamel jahdem fl-istess impjieg.*

- *Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport kien intervistat il-persuna li ghamel ir-rapport lill-pulizija – Karim Rayouf li huwa inkarigat mill-operations room tas-supermarket. Huwa semma li Aidan hallas minnufih ghall-oggetti misruqa u skuza ruhu.*

- ***Pjan ta' Kura***

*L-Ufficjal tal-Probation jemmen li jkun ghaqli li Aidan ikompli jzomm kuntatt mal-professjonisti li qed jassistuh u li qed jissapportjawh bil-ghan li jkompli jsostni l-progress li rregistra f'dawn l-ahhar snin. Huwa essenzjali wkoll li Aidan ikompli jkun fil-kumpanija ta' persuni li jistghu jinfluwenzawh b'mod pozittiv u anke li jibqa' ingaggat f'impjieg regolarizzat.*

*Dan l-andament ghandu anke jghin biex fiz-zmien segwenti jerga' jkollu access maz-zewgt ulied li fil-prezent m'ghandux kuntatt maghhom.*

- ***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura qed ikun umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti illi fir-rigward ta' piena, Aidan Chirchop ghandu jinghata Ordni ta' Probation. Matul din l-Ordni, l-imsemmi ghandu jibqa' f'kuntatt mal-Caritas biex ikompli jiehu s-sapport necessarju bil-ghan li jkompli jmantni l-progress registrat fl-ahhar xhur."*

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti li ghal dan il-ghan gie kkwotat estensivament, jirrizulta li minkejja dan il-kaz l-imputat ghaddej hajja stabbli u qed jaghmel sforzi sostanzjali sabiex ma jergax jaqa' ghal abitudnijiet tal-passat. Illi dan maghdud mal-fatt illi l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri kif ukoll hallas ghal dak li kien gie misruq minnu mill-ewwel.

Illi din il-Qorti ghandha tippuntwalizza minkejja li huwa ammetta anke ghat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi li jinvolvu ksur ta' zewg kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, madanakollu dawn id-digrieti ma gewx ipprezentati u ghalhekk ma tistax tiehu kont taghhom.

Ghal dawn il-motivi u stante dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza qed tinghata possibilità lill-imputat sabiex

ikompli jahdem fuqu nnifsu kif kien qed jaghmel tul dawn is-snin u li kieku jinghata piena karcerarja, dan il-progress ikun safa fix-xejn.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 289, 261(f), 270 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat **Aiden Chircop** hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva fuq ammissjoni u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin, liema Ordni ghandha tifforma parti minn din is-sentenza filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzi tnejn (2) u tlieta (3).

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**